

Brussell, 14 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11834/23

AGRILEG 140
VETER 77
DELACT 98

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|-------------------|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 10 ta' Lulju 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | C(2023) 4572 final |
| Suġġett: | REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 10.7.2023 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/689 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 4572 final.

Mehmuż: C(2023) 4572 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.7.2023
C(2023) 4572 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 10.7.2023

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/689 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")¹ jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin, inklużi regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' sorveljanza tal-Unjoni, għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard u għaż-żamma tal-istatus ta' ħelsien mill-mard. Jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta regoli li jissupplimentaw ċerti elementi mhux essenzjali ta' dak ir-Regolament permezz ta' atti delegati.

Il-Kummissjoni stabbiliet dawn ir-regoli fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emergenti².

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 japplika mill-21 ta' April 2021. Minn dik id-data 'l hawn, l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tiegħu u l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward ta' ċertu mard tal-annimali fl-Unjoni wrew il-ħtieġa li jiġu rfinati għadd ta' dispożizzjonijiet tiegħu. Għalhekk, dan l-abbozz ta' Regolament Delegat tal-Kummissjoni jemenda jew jiċċara ċerti dispożizzjonijiet fir-rigward ta' dan li ġej:

- is-supplimentazzjoni tar-regoli ta' sorveljanza biex l-awtoritajiet kompetenti jkun jistgħu jimplementaw is-sorveljanza fl-ispeċijiet tal-annimali li bħalissa mhumiex inklużi fit-tfassil tal-programmi ta' sorveljanza; din l-emenda se tippermetti u tappoġġa ulterjorment lill-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu sorveljanza strutturata għall-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) fil-mammiferi kif xieraq u hija maħsuba biex jiġi indirizzat aħjar l-oġettiv li tikkontribwixxi għal aktar għarfien dwar ir-riskju zoonotiku potenzjali tal-HPAI previst fil-programm ta' sorveljanza tal-Unjoni stabbilit fit-Taqsima 2 tal-Parti I tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2020/689;
- il-possibbiltà li jinkiseb status ta' ħelsien mill-mard ibbażat fuq *data* storika u ta' sorveljanza mingħajr limitu ta' żmien għall-mard elenkat rilevanti kollu;
- l-irfinar tar-regoli biex jinżamm l-istatus ta' mingħajr tilqim għall-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni kkonsultat mal-membri tal-Grupp ta' Esperti dwar is-Saħħa tal-Annimali (E00930) dwar il-kontenut ta' dan l-abbozz ta' Regolament Delegat f'laqgħa li saret fit-30 ta' Marzu 2023.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat għandu jiġi adottat fil-qafas tar-Regolament (UE) 2016/429 u, b'mod partikolari skont l-Artikolu 29, il-punti (a) u (d), l-Artikolu 37(5), l-Artikolu 39 u l-Artikolu 41(3) tiegħu.

-

¹ ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

² ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 10.7.2023

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/689 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")³, u b'mod partikolari l-Artikolu 29, il-punti (a) u (d), l-Artikolu 37(5), l-Artikolu 39 u l-Artikolu 41(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u għall-kontroll tal-mard tal-annimali li huwa trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin, inklużi regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' sorveljanza tal-Unjoni, għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni tal-istatus ta' ħelsien mill-mard u għaż-żamma tal-istatus ta' ħelsien mill-mard.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689⁴ jissupplimenta r-regoli dwar is-sorveljanza, il-programmi ta' eradikazzjoni u l-istatus ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti ta' annimali terrestri, akkwatiċi u oħrajn kif stipulat fir-Regolament (UE) 2016/429.
- (3) F'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/689, l-awtoritajiet kompetenti huma meħtieġa jispeċifikaw il-popolazzjonijiet tal-annimali fil-mira rilevanti għal tipi differenti ta' sorveljanza. Barra minn hekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 jispeċifika l-kategoriji ta' annimali li jenħtieġ li jkunu soġġetti għal sorveljanza. Fil-kuntest tal-epizootika attwali tal-influenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI), ir-rapport xjentifiku tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ikel li jagħti ħarsa ġenerali lejn l-influenza avjarja ta' Diċembru 2022 — Marzu 2023, ippubblikat fl-20 ta' Marzu 2023⁵, irrakkomanda li tiġi estiża u msaħħa s-sorveljanza kemm fil-mammiferi selvaġġi, b'mod partikolari fil-karnivori, kif ukoll fil-annimali tar-razzett, b'mod partikolari fil-mink Amerikan, f'żoni ta' riskju ogħla fejn l-HPAI hija preżenti fl-għasafar selvaġġi u fil-pollam. L-ispeċijiet ta' mammiferi mhumiex inklużi fil-kategoriji soġġetti għas-sorveljanza prevista fir-Regolament Delegat (UE) 2020/689. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet eżistenti relatati mal-ispeċijiet fil-mira u mas-

-

³ ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211).

⁵ EFSA Journal 2023;21(3): 7917

sorveljanza tal-influenza avjarja jenħtieġ li jiġu emendati biex jindirizzaw din ir-rakkomandazzjoni fir-rigward tar-riskju maħluq mill-HPAI H5N1 attwali u jippermettu u jappoġġaw ulterjorment lill-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu sorveljanza strutturata għall-HPAI f'ċerti speċijiet ta' mammiferi kif xieraq.

- (4) Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 jipprevedi perkorsi differenti biex jinkiseb status ta' ħelsien mill-mard. Għal diversi mardiet, mhuwiex possibbli li jinkiseb dak l-istatus mingħajr ma jkun ġie implimentat minn qabel programm ta' eradikazzjoni approvat, peress li l-Istati Membri ma jistgħux isegwu l-perkors abbażi ta' *data* storika u ta' sorveljanza, minħabba ċerti limitazzjonijiet li japplikaw fir-rigward tal-mardiet li jistgħu jkunu soġġetti għal dak il-perkors, kif ukoll minħabba l-perjodu ta' żmien limitat li fih jenħtieġ li jsiru tali applikazzjonijiet biex jinkiseb l-istatus.. L-esperjenza miksuba mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 uriet li dan l-approċċ mhuwiex adegwat peress li mhux neċessarjament jipprovdi assigurazzjonijiet addizzjonali għall-għoti tal-istatus ta' ħelsien mill-mard. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2020/689 jiġi emendat biex jipprovdi l-possibbiltà li Stat Membru jikseb l-istatus ta' ħelsien mill-mard għall-mardiet rilevanti kollha abbażi ta' *data* storika u ta' sorveljanza u mingħajr limitu ta' żmien.
- (5) Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 jipprevedi diversi rekwiżiti biex jinżamm l-istatus ta' ħelsien mill-infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim. L-esperjenza miksuba mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 uriet li d-dispożizzjonijiet rilevanti jeħtieġu kjarifika ulterjuri fir-rigward tal-kriterji applikabbli.
- (6) Għalhekk, għal raġunijiet ta' ċertezza u ċarezza tad-dritt, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2020/689 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2020/689

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/689 huwa emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 4, jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:
 - “3. L-awtorità kompetenti għandha tinkludi fil-popolazzjoni tal-annimali fil-mira, annimali miżmuma jew selvaġġi ta' speċijiet li mhumiex elenkati għall-fini tal-marda elenkata rilevanti meta l-awtorità kompetenti tqis li dawn jikkostitwixxu riskju għas-saħħa tal-annimali u tal-bniedem.”;
2. fl-Artikolu 70 il-paragrafi 4, 5 u 6 jitħassru.
3. fl-Artikolu 76, il-paragrafi 3 u 4 jitħassru.
4. L-Annessi II u V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10.7.2023

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN